# Animazzjoni tal-Quddies tal-Hadd

Il-XXI Ħadd Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-wieħed u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inżommu l-għaqda fi ħdan il-Knisja, il-ġ ġisem ta' Kristu.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġoż 24, 1-2a.15-17.18b)

Quddiem Ġożwe, il-poplu stqarr li jrid jaqdi lil Alla biss.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 33)

Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej!

**It-Tieni Qari** (Efes 5, 21-32)

San Pawl jistieden għall-imħabba bejn il-miżżewġin biex issaltan l-armonija.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 6, 60-69)

Alla waħdu biss huwa dak li għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Fit-tieni qari smajna li kollox ġej minn Alla li jinsab wara kull ħidma tal-bniedem.

Ejjew noffru lil Alla l-ħidmiet kollha tagħna f'dan il-mument.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-Ewkaristija tgħaqqadna bħala Knisja.

B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.